**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 47/2014**
***Kienet addottata Aġenda nru. 42/2014***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 21 ta' Jannar 2014**

**Ħin: Fil-5.00 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Membru**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Viċi Chairperson is-Sur Emmanuel Debono kien skużat.

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 46/2013

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 46/2013 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 46/2013

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 46/2013.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Sar il-qari tat-tabella tal-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għas-sena 2014.

Stima tal-Perit Scerri tar-rampa ta' mal-knisja ta' San Pawl (stima tax-xogħol €2,528). Il-Kumitat approva li ssir ir-rampa mill-kuntrattur tal-bankini.

Komunikat tal-Perit Scerri dwar l-applikazzjoni mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għall-iżvilupp ta' ċentru ċiviku f' Marsalforn. Il-Kumitat qabel li jikkummissjona lil Galea Curmi Engineering jagħmlu l-*fire & safety report* mitlub mill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Ittra mibgħuta mill-Beach Cleaning Section dwar taraġ fi Triq Santa Marija li jiġi wara Otters Restaurant u biex jinbidlu l-bankijiet tal-konkos li hemm maġenb l-Otters. Il-Kumitat qabel li t-taraġ għandu jingħalaq minn fuq b' xibka u dwar il-bankijiet, il-Kumitat qabel li għandhom jinqalgħu biss il-bankijiet miksura.

Komunikat mibgħut minn Transport Malta dwar applikazzjoni għal *reserved parking bay* għall-persuni b' diżabilita' quddiem 'Coral Reef' Flt 11, Triq is-Salini. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għat-talba.

Kien miftiehem li tintbagħat ittra dwar l-istat ta' Triq is-Salini (il-wiċċ tat-triq).

Komunikat tal-Perit Scerri dwar l-applikazzjonijiet pendenti li l-Kumitat għandu għall-finanzjament mill-UIF.

Kien miftiehem li tintbagħat ittra fejn tintalab informazzjoni dwar jekk hemmx propost xi proġett għas-sit li kien tnaddaf fil-*car park*.

Talba għal permess mill-Mellos Bar & Grill biex jagħmel *fence* tal-injam madwar l-*encroachment* tiegħu faċċata tal-istabbiliment fi Triq il-Wied. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet dawk it-tip ta' permessi ma joħorġux mill-Kunsill.

Dwar il-*u-bars* proposta għal quddiem residenza nru. 24 Triq ir-Rabat, is-Segretarja Eżekuttiva qalet il-*u-bars* mhux *policy* ta' Transport Malta.

## 5. FESTI PAWLINI 2014

Għall-festi Pawlini ġewwa Marsalforn, il-Kumitat approva:

- attivita' sportiva fil-*car park* ta' Marsalforn il-Ħadd 9 ta' Frar.
- ħruq ta' nar tal-ajru (budget ta' €1,165). Il-logħob tan-nar jinxtara mingħand Toni Cauchi.
- esebizzjoni ta' ritratti antiki ta' Marsalforn. Isiru inkwadri għal dawn ir-ritratti għand Gozo Arts Studio – sett ta' għoxrin ritratt, €20 kull inkwadru.
- kiri ta' ħames *floodlights* għal Triq l-Isqof Pace u Pjazza San Pawl.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. KAM 68/2013 – is-Sur Joseph Zammit**
Ilmenta dwar nuqqas ta' lqugħ fil-bidu ta' Triq ix-Xwejni (maġenb l-ewwel bini). Il-Kumitat approva li jsir ilqugħ.

**Nru. KAM 01/2014 – is-Sur Joe Vella**
Talab biex isir *keep clear bay* quddiem *boathouse* nru. 6 l-ġewwa minn Pierre's Restaurant, taħt Triq Santa Marija. It-talba kienet approvata.

**Nru. KAM 02/2014 – CV**
Issuġġeriet li ssir rampa fit-taraġ li minn Triq Barda jagħti għal Triq Santa Marija.

**Nru. KAM 03/2014 – iċ-Chiarperson Marija Saliba**
Għandha talba biex isiru *double yellow lines* quddiem Tony's Flts fi Triq Għar Qawqla. Il-Kumitat approva li jsir *keep clear bay*.

## 7. MATERJA OĦRA

Il-Kumitat qabel li:

- issir sejħa pubblika għal kwotazzjonijiet għal provvista ta' żebgħa.
- issir talba lill-Ministeru għal Għawdex biex ħajt fi Three Hills Garden jinkesa bis-sejjieħ.
- jinbidlu diversi tabelli tat-traffiku f' Marsalforn.
- issir talba lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika biex jgħaddilna l-popolazzjoni ta' Marsalforn fix-xhur tax-xitwa.
- dwar ir-*railings* tal-Qbajjar, dawn isiru tal-ħadid galvanizzat.
- isiru sinjali fil-promenade tal-Qbajjar juru li hemm periklu.

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fis-7.15 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die.*

| | |
|---|---|
| **Marija Saliba** | **Diane Tagliaferro** |
| ***Chairperson*** | ***Segretarja Eżekuttiva*** |